# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 5 ta' Ġunju, 2024

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru.785/2008 ISB**

**Avukat Dr. Henri Mizzi (numru tal-karta ta' l-identità 143465M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera DAMKJAER INTERNATIONAL A/S (numru ta' reġistrazzjoni 18033070)**

**Vs**

**Dr Kevan Azzopardi uffiċjal riċevitur li ġie nominat bħala stralċjarju ta' Robert Damkjaer (Malta) Limited (C30652) b'sentenza tal-1 ta' Novembru 2012 u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2014 il-Qorti ordnat lil Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited sabiex jintervjenu fil-kawża.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li ppreżenta r-Ricevitur Ufficjali, bħala stralċjarju tal-kumpanija xjolta **Robert Damkjaer (Malta) Limited** fl-4 ta' Marzu 2024, li permezz tiegħu talab, wara li ta rendikont tax-xogħol minnu mwettaq, sabiex jiġi ffissat ammont li għandu jitħallas lill-istralċarju bħala spejjeż u remunerazzjoni dovuti lilu u fejn talab li tali spejjeż u remunerazzjoni jiġu mħallsa mill-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited.

Rat l-atti tal-istralc;

Billi huwa kompitu ta' din il-Qorti li tistabilixxi r-rimunerazzjoni ta' stralċjarju;

Billi jirriżulta illi l-uffiċċju tar-Riċevitur Uffiċjali għandu f'idejh is-somma ta' **elf, sitt mija u sitta u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin centezmu (€1656.56).**

Billi l-Qorti hija tal-fehma li l-istralċjarju għandu jitħallas bl-ammont kollu ta' **elf, sitt mija u sitta u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1656.56)** li jinsab f'idejh, liema ammont għandu jinkludi kwalsiasi spejjeż li nkorra u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jekk applikabbli.

**GĦALDAQSTANT,** in vista ta' dak hawn fuq espost, tgħaddi biex tiddeċiedi dwar it-talbiet tal-istralċjarju, kif dedotti fir-rikors tiegħu hawn fuq imsemmi, billi**:**

1. **Tistabilixxi** l-ammont ta' **elf, sitt mija u sitta u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1656.56)** bħala r-rimunerazzjoni tiegħu, liema ammont għandu jikkomprendi kwalsiasi spejjeż li nkorra għall-fini tal-esekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu u t-taxxa fuq il-valur miżjud jekk applikabbli.

2. **Tordna** li l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mill-kumpanija Robert Damkjaer (Malta) Limited, kif imsemmi, mill-fondi miżmuma f'idejn l-istess Riċevitur Uffiċjali.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**